13 ta' Frar, 1954
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Rev. Saċerdot Don Giuseppe Mizzi *versus* Frank Gulia et.**

**Ritrattazzjoni — Proċedura — Ċitazzjoni — Avviż — Nullità — Art. 818 u 171 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-domanda għar-ritrattazzjoni quddiem Qorti Ċivili tal-Maġistrati tista' ssir biss per mezz ta' ċitazzjoni.*

*Imma quddiem il-Qrati Ċivili tal-Maġistrati ċ-ċitazzjoni tista' tikkonsisti f'avviż firmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-ismijiet ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum tat-trattazzjoni tal-kawża; u għalhekk domanda għar-ritrattazzjoni quddiem Qorti Inferjuri magħmula per mezz ta' avviż hija magħmula ritwalment, u ma hix nulla.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, biex tiġi revokata s-sentenza fl-ismi-

jiet "Frank Gulia et. vs. Saċerdot Don Giuseppe Mizzi", mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Ġunju 1953, peress li dik is-sentenza kienet mogħtija mingħajr ma kien ġie notifikat bl-avviż il-konvenut, attur f'din il-kawża, u li tiġi l-kawża fuq imsemmija ritrattata skond il-liġi, in bażi għall-art. 814 inċiż (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, u għal kwalunkwe raġuni oħra valida fil-liġi; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenuti, li din il-kawża saret irritwalment u nullament, għaliex skond l-art. 818 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili kellha ssir permezz ta' ċitazzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1953, li biha l-eċċezzjoni ta' irritwalità u nullità ġiet respinta, u ġiet ordnata l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-art. 818 ċitat mill-konvenuti, wara li jiddisponi illi fil-Qrati Superjuri u f'dawk ta' Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħhom, id-domanda għar-ritrattazzjoni għandha tiġi introdotta, skond il-każ, per mezz ta' petizzjoni jew libell, jiddisponi fit-tieni inċiż illi "fil-Qrati l-oħra t-talba għar-ritrattazzjoni ssir b'ċitazzjoni";

Illi l-attur issottometta illi din il-formalità ma ġġibx innullità tal-proċedura, għaliex mhix komminata espressament fl-imsemmi art. 818, u skond l-art. 792 (1) (a) l-eċċezzjoni tan-nullità tista' tiġi sollevata meta hija espressament dikjarata mil-liġi;

Illi dina s-sottomissjoni ta' l-attur ma tistax ċertament tiġi akkolta. Infatti l-istess artikolu 792 fuq ċitat ikompli jiddisponi illi l-atti ġudizzjarji jistgħu jiġu attakkati b'nullità anki meta din in-nullità ma hix espressament komminata, meta jkollhom xi difett ta' rekwiżit essenzjali, jew vjolazzjoni tal-forma meħtieġa. Iżda, barra minn dan, l-essenza u l-portata ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma hix illi l-att li bih l-attur ippropona dina l-kawża huwa null "ut sic", ċjoè bħala "avviż", imma illi l-azzjoni kellha tiġi proposta b'att divers, u li l-"proċedura" hija nulla, għalkemm l-avviż bħala tali huwa regolari u għandu r-rekwiżiti kollha;

Illi huwa prinċipju fondamentali li meta l-liġi tiddisponi l-forma li għandu jirrivesti l-att li bih jiġi eżerċitat dritt, dik

il-forma hija rikjesta "ad substantiam"; u jekk dak l-att jassumi forma diversa minn dik stabbilita, ikun hemm ineżistenza assoluta ta' dak l-att, u l-proċedura li dak l-att kellu jibda tkun nulla, għaliex ikun jonqos assolutament l-att inizjali. Għalhekk ma jista' jkun hemm ebda dubju illi jkun null l-appell jekk, per eżempju, jiġi ntrodott b'rikors minflok b'petizzjoni fil-każi li l-liġi timponi l-petizzjoni;

Illi, kif ġie deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 1935, in re "Lanzon vs. Lanzon" (XXIX—II—281), l-eżiġenzi proċedurali tar-ritrattazzjoni għandhom interpretazzjoni stretta, anki quddiem il-Qrati tal-Maġistrati; u l-Qorti ta' l-Appell iddeċediet ("Micallef vs. Vella", 31. 3. 1907) illi r-ritrattazzjoni tista' biss tiġi proposta bl-att preskritt millliġi. SimPilment, il-Qorti ta' l-Appell, in re "Galea Naudi vs. Galizia" fit-13 ta' Lulju 1920, iddikjarat irrita l-azzjoni proposta b'ċitazzjoni minflok b'petizzjoni, fuq il-motiv illi r-ritrattazzjoni "è un modo straordinario di impugnazione delle sentenze inappellabili, e le leggi di procedura hanno determinato il modo in cui tali giudizi devono essere proposti". Għalhekk quddiem dawn il-Qrati d-domanda għar-ritrattazzjoni tista' ssir biss per mezz ta' ċitazzjoni;

Illi, però, l-artikolu 171 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, wara li jiddisponi illi fil-Qorti tal-Maġistrati jitmexxa bil-mezz ta' ċitazzjoni, ikompli jiddisponi, fl-inċiż (2), illi fil-każijiet kollha ċ-ċitazzjoni tista tikkonsisti sempliċement f'"avviż" iffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-ismijiet ta' l-attur u talkonvenut, it-talba ta' l-attur, u l-ġurnata tat-trattazzjoni talkawża. Minn dan l-artikolu jidher ċar illi l-avviż li bih huma soliti jinbdew il-proċeduri quddiem dawn il-Qrati huwa vera u proprja ċitazzjoni, u mhux xi att ieħor differenti. Fl-art. 173 ta' l-istess liġi jiġi similment dispost illi ċ-"ċitazzjoni" li biha jsir l-appell minn sentenza ta' dawn il-Qrati tista' tikkonsisti biss f'talba għat-tħassir jew tibdil tad-deċiżjoni appellata. Iżda dawna l-atti jibqgħu dejjem, fl-essenza tagħhom, "ċitazzjonijiet", għalkemm semplifikati fil-forma tagħhom. L-unika differenza tikkonsisti fil-fatt illi l-avviż jew ċitazzjoni li biha tintalab ir-ritrattazzjoni, oltre r-rekwiżiti msemmija fl-art. 171 (2), irid ikollu r-rekwiżiti rikjesti mill-art. 820, li huma impos-

ti meta r-ritrattazzjoni ssir b'ċitazzjoni;

Illi għalhekk l-azzjoni ġiet proposta mill-attur ritwalment, għaliex, kif iddeċediet il-Qorti ta' l-Appell fuq kwistjoni identika fit-30 ta' Novembru 1906, in re "Salinos vs. Starkey", "nell'avviso con cui l'attore ha proposto l'azione, che è una citazione, vi sono tutti i requisiti, perchè si dice che si domanda la revoca e la ritrattazione di tutta la sentenza pel motivo ivi espressamente indicato con la citazione dell'articolo":

Rat fil-fol. 12 in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u fil-fol. 13 iċ-ċitazzjoni tagħhom għar-revoka ta' dik id-deċiżjoni; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma ġie addott ebda motiv li jista' jwaqqa' r-raġunamenti ta' l-Ewwel Qorti, li din il-Qorti ssib korretti. Ma hemmx raġuni biex din il-Qorti, kif presjeduta, titbiegħed minn dak li ġie stabbilit f'każ analogu minnha stess, presjeduta mill-Prim Imħallef Sir Joseph Carbone in re "Salinos vs. Starkey", 30 ta' Novembru 1906;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti; u tordna li l-attijiet jerġgħu jiġu mibgħuta lill-Qorti Inferjuri, sabiex titkompla t-trattazzjoni.